KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa urġenti tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 334**

**It-Tnejn, 6 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' b'urġenza fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-seba' ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

L-Avukat Karol Aquilina – Sindku
Dr Alessia Psaila Zammit – Viċi Sindku
Is-Sur Julian Borg – Kunsillier
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi – 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi SĠW 1073
t +356 2146 6000 f +356 2146 2946
e siggiewi.lc@gov.mt w www.siggiewi.gov.mt KLSiggiewi

**Minuti**

Is-Sindku Dr Karol Aquilina ppresjeda l-laqgħa.

**334.1 Ħatra ta' Bord għall-evalwazzjoni ta' sejħiet għall-offerti.**

334.1.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid jaħtar tlett bordijiet biex jevalwaw is-sejħiet għall-offerti li kienu ġew ippubblikati mill-Kunsill fil-jiem ta' qabel u ċjoè:

1) *Patching works in the locality of Siġġiewi* (LCS24/16);
2) *Transport for elderly persons to/from Day Centre at Siġġiewi Civic Centre* (LCS26/16); u
3) *Reconstruction of a new public convenience to include disabled access and gender neutral facilities at Għar Lapsi* (LCS36/16).

Fir-rigward tal-ewwel sejħa għall-offerti, is-Sindku ippropona li l-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit isservi ta' *Chairperson* tal-bord u l-Kunsill qabel b'mod unanimu. Il-Kunsill qabel ukoll li s-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsillier Clayton Cutajar u l-Kunsillier Julian Borg għandhom iservu ta' evalwaturi fuq il-bord filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jkun is-segretarju tal-bord.

Fir-rigward tat-tieni sejħa għall-kwotazzjonijiet għat-trasport għall-anzjani, is-Sindku ippropona li l-kumitat ta' tlett persuni sabiex jevalwaw is-sejħa għal-kwotazzjonijiet ikun kompost mis-Sindku Karol Aquilina li għandu jservi bħala *Chairman*, il-Kunsillier Clayton Cutajar u s-Segretarju Eżekuttiv li għandu jservi ta' Segretarju tal-bord. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Fir-rigward tat-tielet sejħa għall-offerti, is-Sindku ippropona li l-Viċi Sindku Alessia Psaila Zammit għandha sservi ta' *Chairperson* tal-bord, filwaqt li s-Sindku Karol Aquilina, il-Kunsillier Julian Borg u l-Kunsillier Dominic Grech għandhom ikunu evalwaturi fuq il-bord. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jservi ta' Segretarju tal-bord. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**334.2 Rimarki**

334.2.1 Is-Sindku Karol Aquilina irrimarka li fil-ħin ta' qabel is-seduta kellu laqgħa dwar l-applikazzjonijiet li l-Kunsill għandu għaddejjin biex jinkisbu l-fondi mill-Unjoni Ewropea. Peress li ħass li kellu bżonn direzzjoni mill-Kunsill b'mod urġenti talab il-permess biex din il-materja tiġi diskussa minkejja li ma kienetx tifforma parti mill-aġenda. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li din il-materja tiġi diskussa.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ngħata parir u kien qed jipproponi li l-Kunsill jipposponi l-proġett relatat max-Shelters tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-Knisja l-Qadima tas-Siġġiewi u dan sabiex ma jkunx hemm problemi f'dak li għandha x'taqsam l-applikazzjoni li l-Kunsill se jkun qed iressaq biex jinksbu fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu rranġati numru ta' toroq rurali. Is-Sindku qal li hu tal-opinjoni u qed jipproponi li l-irranġar ta' toroq li jintużaw mill-bdiewa hu priorità fil-mument. Il-Kunsilliera tkellmu fejn

esprimew l-istess sentiment u l-Kunsill qabel b'mod nanimu mal-proposta tas-Sindku.

Konfermati, illum 13 ta' Marzu 2017.

L-Avukat Karol Aquilina
Sindku

Keith Galea
Segretarju Eżekuttiv